# SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA TAS-SEMESTRU EWROPEW

# L-IŻVILUPPI TAL-PAGI U S-SISTEMI GĦALL-IFFISSAR TAL-PAGI

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-rwol tal-iżviluppi tal-pagi fl-influwenzar tal-prestazzjoni makroekonomika rċieva attenzjoni akbar fis-sorveljanza ekonomika riċenti tal-UE:

1. It-tibdiliet fil-pagi huma wieħed mill-**kanali ewlenin tal-aġġustamenti fil-provvista-domanda għall-ħaddiema** u jinfluwenzaw l-eżiti tal-impjiegi b'mod dirett. Għaldaqstant, tkabbir għoli jew baxx wisq fil-pagi (meta mqabbel mat-tkabbir fil-produttività u fil-prezzijiet) jista' juri żbilanċi fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti. Dan jista' jwassal għal pressjonijiet inflazzjonarji jew deflazzjonarji u jagħmilha anqas attraenti biex wieħed jaħtar u jżomm il-ħaddiema. Jista' jħalli impatt ukoll fuq il-provvista ta' ħaddiema, inklużi deċiżjonijiet ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.
2. L-iżviluppi fil-pagi **jaffettwaw ukoll il-kompetittività esterna fil-prezzijiet**. Iż-żidiet fil-pagi jistgħu jwasslu għal kostijiet nominali ogħla ta' unità lavorattiva (KUL) u għal rati tal-kambju effettivi reali ogħla bbażati fuq il-KUL. Dan jista' jseħħ jekk it-tkabbir fil-pagi ma jkunx ikkumpensat minn tkabbir fil-produttività jew imitat minn tibdil simili tal-KUL fil-pajjiżi sħab jew minn deprezzament fir-rati tal-kambju nominali[1] barra minn unjoni monetarja. Japplika l-argument bil-kontra għall-iżviluppi tal-pagi li jnaqqsu l-KUL.
3. Il-pagi huma parti kbira mill-introjtu tal-unitajiet domestiċi u għandhom **impatt fuq id-domanda aggregata** permezz tal-konsum tal-unitajiet domestiċi u possibbilment anki permezz tal-investiment biex tiġi ssodisfata dik id-domanda akbar. Jekk it-tendenza ta' nfiq tal-introjtu mill-pagi hi akbar mit-tendenza ta' nfiq tal-profitti, iż-żieda fil-pagi tista' twassal għal żieda fid-domanda domestika aggregata.

   Barra minn hekk, peress li l-pagi huma parti kbira mill-introjtu, speċjalment fil-livelli baxxi tad-distribuzzjoni, iż-żidiet fil-pagi jistgħu jnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu. Minkejja dan, profittabilità mnaqqsa tista' tiskoraġġixxi r-reklutaġġ u l-investiment, li mbagħad itellfu l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija fuq it-terminu medju.

Il-**karatteristiċi speċifiċi tal-pajjiżi u l-pożizzjoni tagħhom fiċ-ċiklu tan-negozju** u l-bilanċi interni u esterni tagħhom iridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni

[1] Il-kostijiet nominali ta' unità lavorattiva huma ddefiniti bħala l-kost lavorattiv totali (il-kumpens għal kull impjegat) għal kull unità ta' output. Dawn jinkisbu bid-diviżjoni tal-kumpens għal kull impjegat bil-PDG reali għal kull persuna impjegata (il-produttività tax-xogħol).

meta jiġu vvalutati l-effetti tal-iżviluppi tal-pagi. B'mod partikolari, il-pagi mhumiex l-uniċi determinanti ta' varjabbli ekonomiċi oħra iżda qed jirreaġixxu wkoll għal żbilanċi f'postijiet oħra (eż. għal żieda f'daqqa ta' kreditu bis-saħħa ta' kundizzjonijiet finanzjarji anqas stretti).

**Il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' ffissar tal-pagi** taqdi rwol importanti fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi l-kbar osservati f'numru ta' Stati Membri u fit-tnaqqis tal-qgħad. Din hi partikolarment importanti fiż-żona tal-euro, peress li l-aġġustament tal-kostijiet u tal-prezzijiet hu l-uniku mezz biex isir aġġustament nominali f'unjoni monetarja.

**Il-pagi mhumiex l-uniċi fatturi ewlenin għall-kompetittività internazzjonali:** kostijiet oħra (bħal dawk relatati mat-tassazzjoni jew mal-konformità ma' regolament) u l-grad ta' kompetizzjoni fis-suq tal-prodotti jaffettwaw il-kompetittività fil-prezzijiet. Il-kompetittività mhux relatata mal-prezzijiet (eż. il-livelli u l-iżviluppi tal-produttività, l-ispeċjalizzazzjoni ġeografika u teknoloġika) taqdi rwol essenzjali wkoll.

## 2. IDENTIFIKAZZJONI TAL-ISFIDI

Minkejja t-tnaqqis fil-qgħad fl-2016, it-tkabbir fil-pagi baqa' batut fil-pajjiżi taż-żona tal-euro iżda rpilja f'ċerti pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro. Dan jista' jiġi spjegat minn:

- żviluppi batuti fil-produttività;
- aspettattivi dwar l-inflazzjoni baxxa;
- l-effett ta' ċerti riformi fis-suq tax-xogħol; u
- is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol li għadha batuta, hekk kif ir-rata tal-qgħad attwali jaf ma tkoprix b'mod adegwat l-użu effettiv tar-riżorsi fis-suq tax-xogħol.

Konverġenza tat-tkabbir tal-pagi madwar l-UE ġiet osservata bis-saħħa ta' stabbilizzazzjoni tal-pagi f'pajjiżi li aġġustaw l-aktar matul il-kriżi finanzjarja u bis-saħħa ta' żviluppi fil-pagi f'pajjiżi b'attività ekonomika aktar b'saħħitha.

L-aħħar xejriet tal-pagi segwew snin ta' tkabbir ristrett fil-pagi jew ta' tnaqqis fil-pagi li appoġġaw l-aġġustament ta' deficits kbar fil-kontijiet kurrenti u l-assorbiment ta' qgħad għoli. Dan kien b'mod partikolari l-każ f'numru ta' pajjiżi taż-żona tal-euro li affaċċaw ħtiġijiet akbar ta' riekwilibriju fejn ġew irreġistrati aġġustament 'l isfel fil-pagi jew moderazzjoni b'saħħitha fil-pagi. Dan kien b'mod partikolari l-każ ta' Ċipru, tal-Greċja u tal-Portugall.

Fl-2015 u fl-2016, it-tibdiliet fil-pagi fil-pajjiżi taż-żona tal-euro saru anqas mifruxa hekk kif il-pagi stabbilizzaw f'pajjiżi li qabel kellhom ħtiġijiet ta' aġġustament 'l isfel fil-pagi. F'pajjiżi b'sitwazzjoni ekonomika aktar solida li kienu ġew affettwati anqas mill-kriżi, il-pagi ftit li xejn aċċelleraw (Figura 1)[2]. L-akbar tkabbir fil-pagi ġie rreġistrat fir-Rumanija u fil-pajjiżi Baltiċi.

Fl-2014-2016, il-pagi evolvew, bħala medja, b'mod allinjat mal-produttività (Figura 2). Madankollu, l-istampa aggregata taħbi differenzi kbar bejn il-pajjiżi. Diverġenza notevoli bejn it-tkabbir fil-pagi u l-produttività seħħet fil-pajjiżi Baltiċi, fil-Bulgarija u fis-Slovakkja (fejn it-tkabbir fil-pagi kien aktar veloċi mit-tkabbir fil-produttività), u fil-Kroazja, f'Malta u fil-Portugall (fejn it-tkabbir fil-pagi kien aktar kajman).

Mill-2008, il-moderazzjoni fl-iżviluppi fil-KUL sostniet l-aġġustament estern. Wara d-diverġenzi qawwijin matul is-snin ta' wara l-millennju, il-KUL beda jikkonverġi b'moderazzjoni lejn il-bidu tal-kriżi

[2] Il-pajjiżi kkaratterizzati minn eċċessi fil-kontijiet kurrenti qabel l-2008 (kultant imsejħa "pajjiżi tal-eċċessi") ġarrbu dinamika aktar moderata fil-pagi sal-bidu tal-kriżi fl-2008, meta huma bdew jirreġistraw tkabbir aktar b'saħħtu fil-pagi minn pajjiżi oħra wkoll. B'mod partikolari, il-Ġermanja rat moderazzjoni b'saħħitha fil-pagi f'dawk is-snin, li marret id f'id maż-żieda fl-impjiegi fl-industriji tal-esportazzjoni u mad-domanda domestika ristretta.

finanzjarja, hekk kif pajjiżi bħall-Greċja, il-Portugall u Spanja bdew juru tendenza ta' tnaqqis fil-KUL. Din kienet ir-riżultat ta' moderazzjoni tal-pagi jew saħansitra ta' tnaqqisiet bħala tweġiba għal qgħad li beda jogħla.

Anki f'data aktar riċenti, it-tibdiliet fil-kompetittività fil-kostijiet irreaġixxiet għall-pożizzjoni esterna tal-pajjiżi. Il-pajjiżi bl-akbar eċċessi fil-kontijiet kurrenti (il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands u sa ċertu punt anqas, Malta u s-Slovenja) irreġistraw apprezzament, anki jekk modest, fir-rati tal-kambju effettivi reali tagħhom ibbażati fuq il-KUL (REER). Fl-istess ħin, pajjiżi b'defiċits fil-kontijiet kurrenti (Ċipru, il-Finlandja, Franza) irreġistraw deprezzamenti fl-REER. Il-Litwanja kienet eċċezzjoni. Sal-2015, ħafna pajjiżi kienu aġġustaw id-defiċits passati fil-kontijiet kurrenti u laħqu kważi ekwilibriju jew kellhom eċċessi (Figura 3).

Filwaqt li fl-imgħoddi kien hemm korrelazzjoni negattiva b'saħħitha bejn il-bidla fil-kostijiet reali ta' unità lavorattiva (RULC) u l-qgħad, fl-aħħar snin il-korrelazzjoni saret dgħajfa. Dan jista' jindika li l-RULC qed isiru anqas risponsivi għar-rata tal-qgħad (pereż. il-Greċja jew Spanja), peress li diġà kien seħħ aġġustament sostanzjali u aġġustament 'l isfel fil-pagi reali jibqa' diffiċli f'xenarju b'inflazzjoni baxxa (Graff 4).

Xorta waħda, ċerti pajjiżi li għadhom qed jirreġistraw rati għolja tal-qgħad raw l-RULC tagħhom jonqsu aktar fl-2016 minħabba l-kumpens li baqa' jonqos għal kull impjegat f'termini reali u, f'ċerti każijiet, imsaħħa minn titjib fil-produttività.

Għall-kuntrarju, il-pajjiżi Baltiċi u l-Ungerija rreġistraw RULC li bdew jiżdiedu, li jirriflettu rpiljar b'saħħtu fid-domanda domestika wara l-aġġustament estiż tas-snin preċedenti u l-produttività relattivament dgħajfa.

**Figura 1 — Il-kumpens nominali għal kull impjegat, tibdil % annwali**




*Nota: Il-pajjiżi jintwerew f'ordni axxendenti tar-rata tal-qgħad fl-2016.*
*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea*

**Figura 2 — Il-kumpens reali għal kull impjegat u l-produttività, tkabbir annwali medju 2014-2016**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea*

**Figura 3 — Ir-rata tal-kambju effettiva reali (REER) fl-2016 u l-bilanċ ta' kont kurrenti fl-2015**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea*

**Figura 4 — It-tibdil sena wara sena fil-kostijiet reali ta' unità lavorattiva fl-2016 u l-qgħad fl-2015**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea*

## 3. L-GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI

L-iżviluppi fil-pagi ma jiddependux biss mill-interessi tal-ħaddiema u tal-impjegaturi u tar-rappreżentanti ta' dawn, iżda anki mill-**qafas istituzzjonali** li joperaw fih.

L-oqfsa għall-iffissar tal-pagi, u b'mod partikolari għan-negozjar kollettiv, jaqdu rwol importanti fit-trasformazzjoni tas-sinjali tas-suq fl-iżviluppi tal-pagi u fl-iffokar fuq ir-rilevanza makroekonomika ta' ċerti deċiżjonijiet relatati mal-pagi. Fl-UE, hemm approċċi differenti għall-iffissar tal-pagi. It-Tabella 1 fl-Anness turi l-indikaturi tal-karatteristiċi tan-negozjar kollettiv tal-pagi.

Il-fatturi rilevanti għall-iżviluppi aggregati fil-pagi jinkludu:

- il-grad ta' **ċentralizzazzjoni** (il-livell li fih iseħħ in-negozjar tal-pagi);
- il-mod li fih il-pagi jirriflettu d-differenzi fil-produttività (bejn is-setturi, il-kumpaniji u ż-żoni ġeografiċi); u
- kemm in-negozjar iqis l-objettivi fil-livell nazzjonali (il-grad ta' **koordinazzjoni** bejn livelli differenti).

Madankollu, hu diffiċli li tintwera relazzjoni robusta bejn iċ-ċentralizzazzjoni tan-negozjar tal-pagi u l-eżiti ekonomiċi.

In-negozjar tal-pagi jista' jkun jew ferm **deċentralizzat** (billi jseħħ l-aktar fil-livell tal-kumpaniji, eż. ir-Renju Unit u l-pajjiżi Baltiċi), ferm **ċentralizzat** (il-formazzjoni tal-pagi f'livell nazzjonali, eż. il-Belġju u s-Slovenja), jew jista' **jseħħ f'livell intermedju**, normalment fil-livell tas-setturi (eż. l-Italja). Iżda skont il-grad ta' koordinazzjoni, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu f'aktar minn livell wieħed.

B'approċċ aktar ċentralizzat, hu aktar probabbli li l-impatt tal-iżviluppi fil-pagi fuq il-prestazzjoni tal-ekonomija sħiħa jittieħed f'kunsiderazzjoni mill-parteċipanti. Approċċ aktar deċentralizzat jista' jiffavorixxi effiċjenza akbar peress li l-pagi u l-produttività jkollhom probabbiltà li jkunu allinjati aktar fil-livell tal-kumpaniji, sitwazzjoni li tista' ssostni allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi tax-xogħol. Dan ifisser ukoll probabbiltà akbar li skoss ekonomiku avvers jiġi akkomodat bl-aġġustament tal-kostijiet lavorattivi minflok permezz tal-impjiegi.

F'ħafna mill-pajjiżi, fejn il-livell dominanti ta' negozjar tal-pagi hu s-settur, il-ftehimiet fil-livell tal-kumpaniji ma jistgħux ikunu anqas favorevoli għall-impjegati minn ftehimiet settorjali. Anki jekk il-kumpaniji jiksbu eżenzjonijiet minn ċerti klawżoli tal-ftehimiet kollettivi fil-livell settorjali (jiġifieri fl-Awstrija jew fi Franza), it-tali "klawżoli ta' non-parteċipazzjoni" ma jintużawx spiss fil-prattika.

Madankollu, il-klawżoli ta' non-parteċipazzjoni ntużaw ta' spiss fil-Ġermanja fl-aħħar 15-il sena, biex jagħtu flessibbiltà akbar fil-livell tal-kumpaniji. Id-deċentralizzazzjoni fil-livell tal-kumpaniji jista' jkun assoċjat ukoll ma' unjins b'saħħithom, tal-anqas f'kumpaniji ta' ċertu daqs, jew fejn il-mudell ta' kodeċiżjoni tal-Ġermanja (Mitbestimmung) jimplika parteċipazzjoni b'saħħitha tal-impjegati.

Skont l-approċċ meħud fil-pajjiżi differenti, il-possibbiltà ta' klawżoli ta' nonparteċipazzjoni tista' tkun prevista fil-leġiżlazzjoni jew fil-ftehimiet kollettivi ta' livell ogħla. Madankollu, hemm numru ta' pajjiżi (eż. il-Portugall u Spanja) fejn ftehim fil-livell tal-kumpaniji jirbaħ fuq ftehim fil-livell settorjali anki jekk ikun anqas favorevoli għall-ħaddiem.

L-iżviluppi fil-pagi jistgħu jiddependu wkoll mill-grad kurrenti ta' koordinazzjoni bejn diversi atturi.

**Il-koordinazzjoni tista' tkun "orizzontali"** fejn ċerti setturi jaġixxu bħala mexxejja fi ftehimiet ta' ffissar tal-pagi b'oħrajn li jsegwuhom ("negozjar fuq mudell" jew "iffissar ta' mudell", b'mod partikolari fl-Awstrija, fil-

Ġermanja u fl-Iżvezja) jew fejn jiġu konklużi ftehimiet bejn assoċjazzjonijiet.

**Il-koordinazzjoni tista' tkun "vertikali" wkoll** fejn il-ftehimiet fil-livell nazzjonali, pereżempju ftehim nazzjonali bipartitiku jew tripartitiku sponsorjat mill-organizzazzjonijiet ewlenin tas-sħab soċjali u l-gvern jistabbilixxi l-linji gwida għan-negozjati tal-pagi fil-livelli inferjuri (eż. fil-Belġju).

Il-koordinazzjoni tista' tkun koeżistenti man-negozjar deċentralizzat tal-pagi. Din qdiet rwol importanti f'pajjiżi fejn ir-restrizzjoni esterna imposta fuq is-settur tal-esportazzjoni hi internalizzata minn setturi protetti wkoll. Din tgħin biex tinżamm il-kompetittività internazzjonali fl-ekonomija sħiħa.

L-atteġġjament tal-pagi u s-setgħa ta' negozjar ta' dawk li jistabbilixxu l-pagi huma influwenzati mid-**densità tal-impjegaturi u tal-unjins** u mill-**kopertura tan-negozjar kollettiv**. L-eżistenza ta' proċedura għall-estensjoni legali tal-ftehimiet kollettivi, biex dawn isiru vinkolanti għal impjegati mhux irreġistrati f'unjins jew għal ditti mhux firmatarji, tista' twessa' b'mod sinifikanti l-kopertura tal-ftehimiet kollettivi.

Min-naħa tagħha, din tkun twessa' l-kopertura tan-negozjar kollettiv lil hinn mil-livelli li kienu jkunu ġġustifikati mid-densitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-unjins waħedhom. Hi forma ta' titjib tal-koordinazzjoni orizzontali, b'mod partikolari fi ħdan settur jew f'okkupazzjoni.

Filwaqt li l-**mekkaniżmi ta' estensjoni** huma komuni fl-UE u ġeneralment jikkonċernaw kuntratti okkupazzjonali u fil-livell settorjali, hemm approċċi differenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni ta' ftehimiet kollettivi.

F'ħafna mill-pajjiżi, l-estensjoni hi l-eżitu ta' deċiżjoni espliċita mill-gvern, u f'ħafna każijiet tingħata fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew ta' tnejn mill-partijiet għall-ftehim li jiġi propost għal estensjoni (eż. il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands).

F'pajjiżi oħra, l-estensjoni hi kważi awtomatika (eż. l-Italja u l-Finlandja), jew hi r-riżultat tal-fatt li l-impjegaturi kollha jiġu obbligati jkunu membri tal-assoċjazzjoni tal-impjegaturi (eż. l-Awstrija).

Pajjiżi bħall-Iżvezja u d-Danimarka m'għandhomx mekkaniżmu legali għall-estensjoni tal-ftehimiet iżda d-densità tas-sħab soċjali diġà hi għolja ħafna u din tiżgura kopertura kbira ħafna.

L-estensjonijiet jistgħu jgħinu biex jingħelbu l-problemi ta' koordinazzjoni, inaqqsu l-kostijiet ta' tranżazzjonijiet ta' kuntest ferm deċentralizzat u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan hu b'mod partikolari l-każ għal setturi ferm frammentati u varjati u f'kumpaniji żgħar, dment li l-estensjoni ma twassalx għal problemi ta' kompetittività minħabba li l-pagi jkunu għoljin wisq.

Barra minn hekk, din tistabbilizza r-rappreżentazzjoni fin-negozjar kollettiv peress li tipprovdi inċentiv lill-impjegaturi biex isiru membri fl-assoċjazzjoni tal-impjegaturi li tkun qed tinnegozja. Fit-terminu medju sa twil, l-estensjoni tista' żżid il-livell ġenerali tal-pagi. Hemm evidenza robusta li livelli ogħla ta' kopertura tan-negozjar u negozjar aktar ċentralizzat jew koordinat, u densità ogħla tal-unjins, huma assoċjati ma' kompressjoni tad-distribuzzjoni tal-pagi u ma' tnaqqis fl-inugwaljanza fil-qligħ[3].

Il-kwistjoni tal-estensjoni tal-ftehimiet kollettivi, u ta' approċċ ċentralizzat għall-iffissar tal-pagi, hi li l-pagi jaf ma jkunux jistgħu jaġġustaw bis-sħiħ għal differenzi fil-produttività bejn il-kumpaniji jew bejn iż-żoni ġeografiċi fi ħdan l-istess settur. Aktar ma jkunu sinifikanti dawn id-differenzi, aktar ma jkun b'saħħtu r-riskju li l-estensjoni tirriżulta f'allokazzjoni ħażina tal-ħaddiema, b'pagi għoljin (u b'impjiegi u b'output baxxi) f'ditti bi produttività baxxa. L-istess hu minnu għal skossi li huma speċifiċi għal ċerti kumpaniji jew żoni.

[3] Il-Kummissjoni Ewropea, Industrial Relations in Europe 2008, Kapitlu 3.

Id-**durata medja tal-ftehimiet dwar il-pagi** tista' tinfluwenza l-flessibbiltà relattiva fil-pagi wkoll. It-tul medju tal-ftehimiet kollettivi spiss ivarja bejn sena u tliet snin fl-Ewropa iżda jista' jkun itwal f'ċerti każijiet.

Il-pajjiżi kollha tal-UE għandhom xi forma ta' **minimi tal-pagi** li jew huma rregolati mill-gvern (paga minima statutorja) jew inkella huma miftiehma b'mod kollettiv mis-sħab soċjali[4]. Fl-2016, 22 Stat Membru kellhom leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa paga minima statutorja jew bi ftehim transsettorjali nazzjonali. Pagi minimi fil-livell settorjali maqbula b'mod kollettiv qed jiġu applikati fl-Italja, fl-Awstrija, f'Ċipru, fid-Danimarka, fil-Finlandja u fl-Iżvezja. Ċipru għandu paga minima statutorja għal ftit okkupazzjonijiet speċifiċi biss li fihom l-impjegati għandhom setgħa ta' negozjar dgħajfa.

L-effett ta' paga minima fuq l-impjiegi hu ambigwu. Jekk tiġi stabbilita għolja wisq, paga minima tista' tħalli effett negattiv fuq l-impjieg ta' ħaddiema b'anqas paga, iżgħar fl-età u b'anqas esperjenza, hekk kif il-kostijiet jistgħu jogħlew aktar mil-livelli ta' produttività.

Madankollu, il-pagi minimi jistgħu jżidu l-inċentivi għax-xogħol u jistgħu jindirizzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu anki jekk dawn l-objettivi jistgħu jinkisbu wkoll permezz ta' benefiċċji mfassla sew relatati max-xogħol. Fi żminijiet ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku, pagi minimi xierqa jistgħu jgħinu biex isostnu d-domanda aggregata u jappoġġjaw il-prezzijiet, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' deflazzjoni persistenti. Dawn jistgħu jħallu impatt fuq l-inugwaljanza fil-pagi wkoll, b'mod partikolari fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-pagi, billi jżommu standard tal-għajxien adegwat għall-aktar ħaddiema vulnerabbli[5].

Filwaqt li jaġixxu bħala minimi għall-pagi, dawn iridu jkunu suffiċjenti u tempestivi għall-kuntest ekonomiku ġenerali. Iż-żidiet fil-paga minima jistgħu jaġixxu wkoll bħala sinjal li partijiet sinifikanti fid-distribuzzjoni tal-pagi huma ogħla mill-paga minima.

Il-pagi minimi statutorji fix-xahar fl-UE jvarjaw ħafna: minn EUR 235 fil-Bulgarija sa EUR 1 999 fil-Lussemburgu f'Lulju 2017 (Figura 5). Meta jiġu aġġustati għad-differenzjali fil-prezzijiet bejn il-pajjiżi, id-disparitajiet bejn l-Istati Membri jitnaqqsu minn medda ta' wieħed għal tmienja (f'EUR) sa medda ta' wieħed għal erbgħa [fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS)] (Figura 6).

Il-livell tal-pagi minimi statutorji varja bejn madwar 40% u 65% tal-qligħ medjan fl-2014 (Figura 7). L-ogħla valuri huma rrapportati għall-Portugall, għal Franza u għas-Slovenja. Lejn in-naħa t'isfel tal-iskala kien hemm ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda u Spanja.

L-informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-paga minima għas-suq tax-xogħol hi pprovduta mis-sehem ta' ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima, jew anqas minn 105% ta' dik il-paga. L-aħħar data mill-Eurostat tirreferi għal Ottubru 2010 u turi differenzi konsiderevoli fit-tali "kopertura effettiva" bejn il-pajjiżi b'pagi statutorji minimi (minn 0.2% fi Spanja sa 19.2% fis-Slovenja). Pagi statutorji minimi ogħla (bħala perċentwal tal-paga medja) mhux bilfors li jimplikaw kopertura effettiva akbar.

B'mod ġenerali, il-kopertura effettiva tiddependi wkoll mill-karatteristiċi tal-forza tax-xogħol. Kopertura effettiva relattivament baxxa tista' tirrifletti wkoll l-importanza tal-ftehimiet kollettivi fl-iffissar tal-pagi u/jew ta' pagi nnegozjati b'mod individwali ffissati f'livell ogħla mill-paga minima. Kundizzjonijiet aktar stretti tas-suq tax-xogħol jistgħu

[4] Fil-Belġju, il-paga minima hi ffissata permezz ta' ftehim nazzjonali bejn is-sħab soċjali. Madankollu, f'termini ta' kopertura u ta' universalità, din hi ekwivalenti għall-paga minima statutorja peress li torbot legalment fis-setturi kollha.

[5] Ara, eż. OECD Employment Outlook 2015.

jimbuttaw il-pagi f'livell ogħla mill-paga minima, u b'hekk inaqqsu l-kopertura effettiva wkoll.

L-**indiċjar tal-pagi** madwar l-ekonomija hu forma oħra ta' koordinazzjoni tal-pagi. Il-mekkaniżmi ta' indiċjar tal-pagi li jkopru lill-impjegati kollha jew tal-anqas lil ħafna mill-impjegati bħalissa huma fis-seħħ f'erba' pajjiżi tal-UE: Il-Belġju, Ċipru, il-Lussemburgu u Malta.

F'dawn il-każijiet, l-aġġustament fil-pagi hu awtomatiku u hu bbażat fuq l-inflazzjoni riċenti tal-prezzijiet. Minbarra dawn l-erba' Stati Membri, numru ta' pajjiżi oħra tal-UE kellhom din is-sistema iżda eliminawha (eż. id-Danimarka, Franza, l-Italja u n-Netherlands). Fi Spanja, l-indiċjar ex post kien komuni fil-ftehimiet kollettivi, għad li m'għadux meħtieġ bil-liġi. Franza, in-Netherlands u s-Slovenja għandhom il-paga minima tagħhom indiċjata mal-prezzijiet jew mal-pagi jew mat-tnejn. Fil-Belġju, fil-Lussemburgu u f'Malta, il-pagi minimi huma indiċjati u hekk ukoll il-pagi ġenerali.

Il-klawżoli ta' indiċjar jistgħu jagħmluha eħfef biex jiġu konklużi ftehimiet pluriennali, li jipprovdu stabbiltà fir-relazzjonijiet industrijali u jnaqqsu r-riskju ta' kunflitti rikorrenti b'rabta man-negozjati tal-pagi. Filwaqt li s-sistemi ta' indiċjar jistgħu jkunu għodda effettiva biex tiġi ppreservata l-kapaċità tal-akkwist tal-pagi u tas-salarji, dawn iridu jitfasslu biex ikunu flessibbli biżżejjed biex jiżguraw kompetittività fil-kostijiet fir-rigward tas-sħab kummerċjali ta' pajjiż u kapaċità ta' aġġustament adegwata.

L-indiċjar mekkaniku tal-pagi għar-riskji ta' inflazzjoni fil-passat jissogra li joħloq l-inerzja u jxekkel il-kapaċità ta' aġġustament.

L-ewwel nett, l-indiċjar faċilment jista' joħloq spirall ta' pagi u prezzijiet u aktarx li jrendi kwalunkwe skoss nominali (eż. tgħarriq fit-termini ta' kummerċ) dejjiemi, b'mod partikolari meta pajjiż ikun f'unjoni monetarja b'rati tal-kambju nominali irriversibbli.

It-tieni, l-indiċjar jagħmel il-pagi reali aktar riġidi u konsegwentement jaħdem kontra l-aġġustament fis-suq tax-xogħol, inkluż meta l-iskossi jaffettwaw setturi, kumpaniji u impjiegi differenti b'mod differenti.

It-tielet, f'ambjent b'inflazzjoni baxxa bħal dak li qed tesperjenza bħalissa ż-żona tal-euro, l-indiċjar jista' jagħmilha aktar diffiċli biex l-inflazzjoni tirritorna għal-livelli fil-mira ta' dawk li jfasslu l-politika.

L-**effetti makroekonomiċi tal-indiċjar** jiddependu mill-mod li bih hu mfassal u implimentat: id-dimensjonijiet rilevanti jinkludu:

- il-kopertura (dak li hu indiċjat);
- il-metodu ta' aġġustament (inflazzjoni ex ante jew ex post, l-indiċi ewlieni ta' inflazzjoni jew indikatur raffinat);
- id-derogi (il-possibbiltà ta' nonparteċipazzjoni);
- il-monitoraġġ; u
- ir-regolarità tal-aġġustamenti.

Minbarra li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta' qafas u li jkunu involuti fi ftehimiet tripartitiċi, il-gvernijiet għandhom numru ta' **għodod oħra** li jistgħu jużaw biex jaffettwaw il-kostijiet lavorattivi. Dan jinkludi pagi tas-settur pubbliku peress li l-livell u l-kundizzjonijiet tal-impjieg fis-settur pubbliku, li spiss ikun impjegatur importanti, jistgħu jaffettwaw id-domanda għall-ħaddiema u l-provvista tal-ħaddiema fis-settur privat. It-tibdiliet fil-kontribuzzjonijiet soċjali u fit-tassazzjoni diretta fuq il-ħaddiema jaffettwaw il-kostijiet lavorattivi għajr il-pagi u, għalhekk, huma mod ieħor kif jitħalla impatt fuq il-kostijiet ta' unità lavorattiva (KUL) fuq żmien qasir sa medju.

**Fatturi addizzjonali differenti jaffettwaw kif il-pagi jirreaġixxu** għat-tibdiliet fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, li jinkludu t-tassazzjoni fuq il-ħaddiema, il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u s-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad. B'mod aktar ġenerali, ir-riformi fis-suq tax-xogħol

jistgħu jaffettwaw ir-risponsività. Pereżempju, tibdiliet fis-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad u politiki ta' attivazzjoni msaħħa jistgħu jnaqqsu l-pagi ta' riżerva (l-anqas paga li biha ħaddiem jaċċetta impjieg), filwaqt li jżidu l-provvista ta' ħaddiema u, għalhekk, inaqqsu l-pressjonijiet fuq il-pagi fl-ekonomija.

**Figura 5 — Il-pagi minimi statutorji (f'euro) fl-Istati Membri tal-UE, 2008 u 2017**




Note. Denmark, Italy, Cyprus, Austria, Finland and Sweden: no national minimum wage.
(¹) January 2017 instead of July 2017.
(²) July 2008 and rate of change: not available.
(³) January 2017 instead of July 2017. July 2008 and rate of change: not available.
*Source:* Eurostat (online data code: earn_mw_cur)

*Nota: Id-data tikkonċerna l-figuri ta' kull xahar u hi kkalkulata fuq il-bażi ta' 12-il ħlas parzjali fis-sena (peress li l-Istati Membri jvarjaw fl-unità li biha jiġu ffissati l-pagi minimi). Sors: Eurostat*

**Figura 6 — Il-pagi minimi statutorji (f'PPS) fl-Istati Membri tal-UE, 2017**




Note. Stimi. Id-Danimarka, l-Italja, Ċipru, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja: m'għandhomx paga minimi nazzjonali.
(*) Jannar 2017
*Sors:* Eurostat (kodiċi ta' data online: earn_mw_cur)

*Nota: Id-data tikkonċerna l-figuri ta' kull xahar u hi kkalkulata fuq il-bażi ta' 12-il ħlas parzjali fis-sena (peress li l-Istati Membri jvarjaw fl-unità li biha jiġu ffissati l-pagi minimi). Sors: Eurostat.*

**Figura 7 — Il-pagi minimi statutorji bħala proporzjon tal-valur medjan tal-qligħ gross medju fix-xahar fl-Istati Membri tal-UE, 2014**




Nota: Qligħ gross medju fix-xahar għal impjegati fit-Taqsimiet B sa S (minbarra O) tan-NACE Rev. 2 li jaħdmu f'intrapriżi b'10 impjegati jew aktar; minbarra apprendistati. Data dwar il-pagi minimi nazzjonali tirrelata għall-1 ta' Jannar. Il-Greċja u l-Kroazja: mhux disponibbli. Id-Danimarka, l-Italja, Ċipru, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja: m'għandhomx paga minima nazzjonali.
(*) 2015 minflok 2014 għall-paga minima.
*Sors:* Eurostat (kodiċi ta' data onlin: earn_ses_monthly u earn_mw_cur)

*Nota: Id-data tikkonċerna l-figuri ta' kull xahar u hi kkalkulata fuq il-bażi ta' 12-il ħlas parzjali fis-sena (peress li l-Istati Membri jvarjaw fl-unità li biha jiġu ffissati l-pagi minimi). Sors: Eurostat.*

## 4. VALUTAZZJONI TAL-POLITIKI KURRENTI

Bħala tweġiba għall-kriżi tal-2008, ħafna pajjiżi introduċew riformi profondi fis-**sistemi tagħhom ta' ffissar tal-pagi** biex iżidu r-risponsività tal-pagi għall-kundizzjonijiet ekonomiċi. Għaddew ukoll riformi kbar bħala parti mill-pakketti ta' riforma miftiehma taħt il-programmi ta' assistenza finanzjarja fil-Greċja, fl-Irlanda, fil-Portugall, fi Spanja u fir-Rumanija.

Riformi aktar riċenti jinkludu l-eżempji li ġejjin.

Fl-2017, bħala riżultat ta' negozjati intensi mas-sħab soċjali, il-Belġju rreveda l-Liġi dwar il-Kompetittività tiegħu tal-1996. L-objettiv tar-riforma hu li jiġi evitat telf possibbli fil-kompetittività minħabba żidiet eċċessivi fil-kost tax-xogħol meta mqabbla mas-sħab kummerċjali ewlenin tal-Belġju. Il-liġi riveduta:

- tipprovdi mekkaniżmu awtomatiku ta' korrezzjoni;
- tintroduċi marġni ta' sikurezza; u
- issaħħaħ il-bażi ġuridika għan-"norma tal-pagi", li tiġi miftiehma kull sentejn mis-sħab soċjali transsettorjali bħala limitu superjuri għall-iffissar tal-pagi fil-livell settorjali.

Franza adottat riformi għall-istituzzjonijiet ta' negozjar tal-pagi tagħha permezz ta' diversi passi. Il-liġi El Khomri li ġiet adottata fl-2016 tiddikjara li l-ftehimiet fil-livell tal-kumpaniji jieħdu

prijorità fuq il-ftehimiet settorjali fi kwistjonijiet bħall-ħin tax-xogħol, il-vaganzi mħallsa u l-bonusijiet.

Fl-2016, is-sħab soċjali tal-Finlandja qablu dwar ftehim bipartitiku li jipprovdi moderazzjoni tal-pagi għas-snin li ġejjin u rrevediet l-approċċ tagħha għan-negozjar kollettiv biex jingħata aktar lok għan-negozjar fil-livell lokali.

Fl-oqfsa istituzzjonali li jiggwidaw l-**iffissar tal-paga minima**, l-iffriżar temporanju tal-paga minima introdott matul il-kriżi skada madwar l-2013. Il-miżuri meħuda wara l-2013 marru primarjament fid-direzzjoni ta' tisħiħ tar-regolamentazzjoni tal-pagi minimi, inkluża l-introduzzjoni ta' paga minima statutorja nazzjonali fil-Ġermanja fl-2015.

Riformi aktar riċenti jinkludu l-eżempji li ġejjin.

Ir-Renju Unit iffissa l-paga nazzjonali li tiggarantixxi l-għajxien bħala l-minimu tal-pagi għal dawk ta' 25 sena u aktar minflok il-paga minima.

L-Irlanda ħolqot Kummissjoni għall-Paga Baxxa biex din tagħti pariri lill-gvern dwar l-iffissar tal-paga minima.

Il-Polonja estendiet il-kopertura tal-paga minima għal kuntratturi tal-liġi ċivili.

Data: 6.10.2017

## 5. ANNESS

### Tabella 1 — Il-karatteristiċi ta’ negozjar tal-pagi

| | Densità ta' unjins | Koordinazzjoni ta' negozjar tal-pagi | Il-livell(i) li fihom iseħħ in-negozjar tal-pagi | Iffissar tal-Paga Minima | Kopertura tan-negozjar, aġġustata | Indiċi ta' Estensjoni | Densità ta' organizazzjonijiet ta' min iħaddem |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 27.4* | 4 | 3 | 2 | 98.0* | 3 | 100.0 |
| BE | 55.1* | 5 | 5 | 3 | 96.0* | 3 | 82.0** |
| BG | 17.5** | 2 | 2 | 5 | 29.0** | 2 | 50.0** |
| CY | 45.2* | 2 | 2 | 7 | 45.2* | 0 | 62.5****** |
| CZ | 12.7* | 2 | 1 | 8 | 47.3* | 1 | 41.4*** |
| DE | 17.7* | 4 | 3 | 1 | 57.6* | 1 | 58.0*** |
| DK | 66.8* | 4 | 3 | 1 | 84.0* | 0 | 68**** |
| EST | 16.9* | 3 | 3 | 8 | 77.6* | 2 | 75****** |
| EE | 6.5** | 1 | 1 | 3 | 23.0** | 2 | 25.0*** |
| FI | 69.0* | 5 | 4 | 2 | 93.0 | 2 | 70.0** |
| FR | 7.7* | 2 | 3 | 8 | 98.0** | 3 | 75.0** |
| UK | 25.7* | 1 | 1 | 6 | 29.5* | 0 | 35.0****** |
| EL | 21.5* | 2 | 2 | 8 | 42.0* | 0 | 43.7****** |
| HR | 30.9** | 2 | 2 | 5* | 60.0***** | 2* | 32.0* |
| HU | 10.7** | 1 | 1 | 5 | 23.0* | 1 | 40.0****** |
| IE | 33.7* | 1 | 1 | 6* | 40.5***** | 0 | 60.0*** |
| IT | 37.3* | 3 | 3 | 1 | 80.0**** | 0 | 56.0** |
| LT | 9.0** | 1 | 1 | 5 | 9.9** | 1 | 14.4** |
| LU | 32.8** | 2 | 2 | 7 | 59.0** | 3 | 80.0** |
| LV | 13.1** | 1 | 1 | 8 | 15.0* | 1 | 41.0* |
| MT | 52.9** | 2 | 1 | 7 | 62.8** | 0 | 60****** |
| NL | 18.0* | 4 | 3 | 7 | 84.8* | 2 | 85.0*** |
| PI | 12.7** | 1 | 1 | 8 | 14.7** | 1 | 20.0** |
| PT | 18.5** | 2 | 3 | 8* | 67.0 | 2 | 38.0*** |
| RO | 19.8** | 2 | 1 | 5* | 35.0* | 0 | : |
| SK | 13.3* | 3 | 2 | 8 | 24.9* | 2 | 30.5* |
| SI | 21.2* | 3 | 3 | 7 | 65.0* | 3 | 60.0* |
| SE | 67.4** | 4 | 3 | 1 | 89.0* | 0 | 82.0*** |

*Nota: Id-data tikkonċerna l-2014, ħlief: *2013; **2012; ***2011; ****2010; *****2009; ******2008*
*Ara l-Anness għal deskrizzjoni tal-indikaturi tal-ICTWSS*

*Sors: Jelle Visser (2015), Bażi ta’ data tal-ICTWSS (Verżjoni 5.0). Amsterdam: Amsterdam Institute for Advanced Labour Studies AIAS. Ottubru 2015. Bażi ta’ data b'aċċess miftuħ fuq: [http://www.uva-aias.net/en/ictwss](http://www.uva-aias.net/en/ictwss)*

## Tabella 2 — Id-definizzjoni tal-varjabbli tal-karatteristiċi tan-negozjar tal-pagi

| | |
|---|---|
| Densità ta' Unjins | Rata ta' Densità ta' Unjins, sħubija netta fl-unjins bħala proporzjon tal-paga u ħaddiema impjegati (0-100) = NUM*100/WSEE |
| Koordinazzjoni ta' negozjar tal-paga | 5 = negozjar mifrux mal-ekonomija kollha, abbażi ta' a) ftehimiet infurzabbli bejn l-organizzazzjoni ċentrali tal-unjins u min jimpjega jaffettwa l-ekonomija sħiħa jew is-settur privat sħiħ, jew ta' b) impożizzjoni mill-gvern ta' skeda ta' pagi, friża tal-pagi, jew limitu massimu.<br>4 = negozjar imħallat tal-industrija u tal-ekonomija kollha: a) organizzazzjonijiet ċentrali jinnegozjaw ftehimiet ċentral mhux infurzabbli (linji gwida) u/jew b) unjins u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem ewlenin jistabbilixxu mudell għall-ekonomija sħiħa.<br>3 = negozjar tal-industrija b'ebda stabbiliment ta' mudell jew b'wieħed irregulari, involviment limitat ta' organizzazzjonijiet ċentrali, u libertajiet limitati għal negozjar tal-kumpanija.<br>2 = negozjar imħallat jew alternat fil-livell tal-industrija u tad-ditti, b'infurzabbiltà dgħajfa tal-ftehimiet industrijali<br>1 = ebda minn dawn t'hawn fuq, negozjar frammentat, l-iktar fil-livell tal-kumpanija |
| Il-livell(i) dominanti li fihom iseħħ in-negozjar tal-pagi | 5 = livell nazzjonali jew ċentrali<br>4 = livell nazzjonali jew ċentrali, b'negozjar settorjali / lokali jew tal-kumpanija addizjonali<br>3 = livell settorjali / tal-industrija<br>2 = livell settorjali / tal-industrija, b'negozjar settorjali / lokali jew tal-kumpanija addizjonali<br>1 = negozjar lokali jew tal-kumpanija |
| Stabbiliment tal-Paga Minima | 0 = Ebda paga minima statutorja, ebda ftehimiet settorjali jew nazzjonali<br>1 = Pagi minimi stabbiliti minn ftehim kollettiv (settorjali) jew bord tal-paga tripartitiku (f'xi) setturi;<br>2 = Pagi minimi stabbiliti minn minn ftehim nazzjonali (transsettorjali jew interokkupazzjonali) ("ftehim awtonomu") bejn unjins u impjegati;<br>3 = Paga minima nazzjonali stabbilita permezz ta' ftehim (bħal f'1 jew 2) iżda estiża u magħmula vinkolanti bil-liġi jew digriet Ministerjali;<br>4 = Paga minima nazzjonali stabbilita permezz ta' negozjati tripartitiċi;<br>5 = Paga minima nazzjonali stabbilita mill-gvern, iżda wara konsultazzjonijiet tripartitiċi (mhux vinkolanti);<br>6 = Paga minima stabbilita minn imħallfin jew kumitat ta' esperti, bħal f'sistema ta' premju;<br>7 = Paga minima stabbilita minn gvern, iżda gvern marbut b'regola fissa (paga minima abbażi ta' indiċi);<br>8 = Paga minima sabbilita minn gvern, mingħajr regola fissa. |
| Kopertura tan-negozjar, aġġustata | Impjegati koperti minn ftehimiet ta' negozjar tal-paga bħala proporzjoni tal-paga kollha u impjegati b'salarju bid-dritt għal negozjar, espress bħala perċentwali, aġġustati għall-possibbiltà li xi setturi jew okkupazzjonijiet huma esklużi mid-dritt ta' negozjar; tvarja minn 1 sa 100. |

*Sors: Jelle Visser (2015), Bażi ta' data tal-ICTWSS (Verżjoni 5.0). Amsterdam: Amsterdam Institute for Advanced Labour Studies AIAS. Ottubru 2015. Bażi ta' data b'aċċess miftuħ fuq: http://www.uva-aias.net/en/ictwss*